MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 2294/2003

**U.C.I.M. Company Limited**

**Vs**

**Alla Sergueeva u zewgha Andrei Moon**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm1,284.00c (elf, mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin) rapprezentanti l-import ta' tnax-il (12) kambjala skaduti u mhux imhallsa.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Neville Camilleri li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm1,284.00c (elf, mitejn u erbgha u tmenin lira Maltin), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------